## Il-Mużika fil-Festa Maltija (VI)

# Il-marċ trijonfali [it-tielet parti]



**Mro Manoel Pirotta** *DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)] Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]*

Fit-tieni parti tal-artiklu li jittratta l-marċ trijonfali fis-serje 'Il-Mużika fil-Festa Maltija' laqqajtkom ma' erba' kompożituri magħrufin oħrajn bħalma huma Elgar [*Caratacus*], Glazunov, Hollins u Karg-Elert.

F'dal-artiklu, minbarra ż-żewġ xogħlijiet popolari ta' Prokofiev [*Peter and the Wolf*] u Stravinsky [*L'Histoire du Soldat*], se ninkludi wkoll xi marċi trijonfali minn surmastrijiet rinomati Maltin: R. Bugeja [*Vittoria*], V. Ciappara [*Sancte Joseph*], C. Diacono, G. Giumarra [*King George V* u *La Vittoria*], A. Miruzzi [Ħamrun Boys' Scouts u Ħamrun Spartans] u P. Vassallo. Magħhom se nżid ukoll xogħol ta' Mro Antonio Nani, il-*Grande marcia trionfale* mit-tieni opra tiegħu *I Cavalieri di Malta*.

Fi żmienhom kienet nibtet id-drawwa li fl-Imdina u l-Birgu jinbena ark trijonfali fl-okkażjoni tal-pussess tal-Gran Mastru biex minn fuqu jindaqq il-marċ trijonfali minn orkestra li kienet tinġieb apposta minn barra.

### Marċ trijonfali minn *Peter and the Wolf* Op. 67

Fl-1936 il-kompożitur Russu Sergei Prokofiev (1891-1953) kien ġie kkummissjonat minn Natalya Sats (1903-93), direttriċi tat-Teatru Ċentrali tat-Tfal, biex jikteb ħrafa sinfonika għalihom bl-għan li tintroduċihom għall-istrumenti varji li nsibu fl-orkestra. 'Pietru u l-Lupu' inkitbet għal narratur u orkestra *da camera* fejn strumenti individwali jpinġu karattri differenti fl-istorja: Sacha l-għasfur (il-flawt), Sonia l-papra (l-obwe), Ivan il-qattus (il-klarinett), in-nannu (il-fagott), il-lupu (tliet korni), it-tliet kaċċaturi – Misha, Yasha u Vladimir (perkussjoni) u t-tfajjel Pietru (strumenti tal-korda), l-eroj tal-istorja.

Din iddur madwar Pietru li bl-għajnuna ta' sħabu l-annimali, u kontra kull twissija mingħand nannuh, jirnexxilu jaqbad il-lupu minn denbu bl-ingassa u jġorru lejn iż-żoo. Waqt il-marċ trijonfali, li fiha nisimgħu t-tema prinċipali, insibu lil Pietru jimmarċja fuq quddiem nett, b'Sacha jittajjar fil-baxx eżatt warajh, bit-tliet kaċċaturi – f'sakra ma jarawx art – qegħdin iġorru fuq spallithom il-lupu maqful f'gaġġa biex ma jaħarbilhomx, Ivan skansafaċendi, u fl-aħħar nett, ix-xwejjaħ proletarju – li tul ħajtu dejjem għex fil-biża' tal-klikka dominanti – jibqa' jilmenta mill-fatt li twissijietu waqgħu fuq widnejn torox għax, skontu, Pietru qatt ma messu mar jiġġerra fil-masġar projbit. U bħala sorpriża aħħarija, jekk wieħed joqgħod attent għandu mnejn jisma' l-papra tlaqlaq ġo żaqq il-lupu wara li kien belagħha ħajja.



The Soldiers' Tale

### Il-marċ trijonfali minn 'L'Histoire du Soldat' Suite

Il-kompożitur Russu Igor Stravinsky (1882-1971), flimkien mal-kittieb Svizzeru Charles Ferdinand Ramuz (1878-1947), ħolqu dax-xogħol ibbażat fuq ħrafa qadima Russa li tirrakkonta l-istorja ta' suldat li jkun ġej lura d-dar mill-gwerra bi vjolin tas-sħaħar lest biex jinnegozjah max-xitan bil-patt li dan jaqtagħlu xewqtu f'kollox. Iżda għad li f'waħda mil-laqgħat ifejjaqlu l-bint sbejħa tas-sultan, ix-xitan jispiċċa jqarrqu l-ħin kollu.

Ix-xogħol fih disa' movimenti u jinvolvi tliet atturi [is-suldat, ix-xitan u n-narratur, li waqtiet jieħu anki rwoli ta' karattri sekondarji] u xi ballerini, fosthom waħda fir-rwol ta' prinċipessa, għall-akkumpanjament ta' septett strumentali magħmul minn vjolin, kuntrabaxx, klarinett, fagott, tromba



Peter and the Wolf



Igor Stravinsky



Sergei Profokiev



Antonio Nani



Antonio Miruzzi (taħt) il-firma tiegħu fuq partitura mużikali



(jew kurunetta), trumbun u għadd ta' strumenti perkussivi. Id-disa' u l-aħħar moviment jikkonsisti f'marċ trijonfali hekk imsejjaħ tax-xitan li jissinjifika r-rebħa aħħarija tiegħu fuq dik bnedmija.

Ix-xogħol ta' Stravinsky tant irnexxa li għamel suċċess kbir saħansitra fuq skala internazzjonali, bit-test bil-Franċiż ta' Ramuz jinqaleb għall-Ingliż u l-Ġermaniż.

Fost il-kompożituri l-kbar Maltin li kitbu marċ trijonfali għall-orkestra jew għall-banda nsibu wieħed ta' Mro Paolino Vassallo (1856-1923) li huwa kiteb għas-*Società Filarmonica Cospicuana San Giorgio*, u li ndaqq waqt programm tal-Erbgħa 7 ta' Diċembru 1898 taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmelo Abela Scolaro (?-?). [Skont Joseph Vella Bondin, ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba waqt programm f'Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta fl-1 ta' Diċembru 1895]; tnejn ta' Mro Giovanni Giumarra (1861-1936): *King George V* u *La Vittoria*. (Bl-istess isem insibu ieħor ta' Buġeja, aktarx ta' Rikard [1845-1926], li kien indaqq mis-*Società Filarmonica Sengleana "La Vincitrice"* waqt programm tal-festa, l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 1898, fi *Piazza dell'Antico Mercato*, taħt id-direzzjoni ta' Mro Giuseppe Parisi); ieħor bl-isem ta' **Ħamrun Boys' Scouts** ta' Mro Antonio Miruzzi (1867-1944).

Skont Joseph Mifsud Matrenza, dal-marċ majestuż u trijonfali bit-trombi kien jixbah ħafna l-marċi ta' John Philip Sousa (1854-1932) u ndaqq għall-ewwel darba fil-festa ta' San Gejtanu tal-1918, u wara baqa' jindaqq bosta drabi fil-programmi ta' wara. L-istess Miruzzi kien għen ħafna lil dal-moviment żagħżugħ fit-twaqqif tiegħu fl-1913 billi daħħlilhom ħafna strumenti tar-ram u tal-għuda biex ikollhom banda żgħira bl-elementi meħtieġa. Kienu proprju dal-parati li nebbħu lil Miruzzi biex jiddedikalhom dal-marċ trijonfali.

Fl-1918 Miruzzi kkompona marċ erojku u patrijottiku ieħor li jixbah ħafna l-marċ trijonfali *Gloria al Egitto* tal-opra *Aïda*, did-darba lit-tim tal-futbol *Ħamrun Spartans*. Għat-tieni sena konsekuttiva, it-tim Ħamruniż kien rebaħ il-kampjonat tal-aqwa diviżjoni tal-futbol Malti fl-istaġun 1917-18. Dal-marċ bl-isem ta' Ħamrun Spartans kien l-ewwel marċ li qatt inkiteb u ġie ddedikat lilhom.

RMB jirreġistra marċ trijonfali ieħor mill-pinna ta' Mro Carlo Diacono (1876-1942) fil-ktieb tiegħu ddedikat lill-mużiċisti kompożituri Maltin bla ma jsemmi ismu. Min-naħa tiegħu, Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979) ukoll tana l-*marcia trionfale Sancte Joseph* (1926) għalbiex jindaqq waqt il-purċissjoni tal-festa ta' dak iż-żmien. Dax-xogħol hu mogħni b'melodija mill-isbaħ u jagħlaq b'fanfarra.

### 'Grande marcia trionfale' minn 'I Cavalieri di Malta' (1877)

Dax-xogħol ta' Mro Antonio Nani 1842-1929) jikkonsisti fi *grande melodramma* bi prologu u

ikompli f'paġna 26

# Il-baned fil-Festi Maltin

ikompli minn paġna 16

tliet atti, fuq librett ta' Enrico Golisciani (1848-1919). L-ewwel rappreżentazzjoni saret fit-Teatru Rjal taħt id-direzzjoni tiegħu stess. Fis-*serata di gala* f'ġieħ il-kompożitur, taħt il-patroċinju tal-Gvernatur Sir Walter Norris Congreve (1862-1927) u s-sinjura tiegħu, l-awtur idderieġa s-'sinfonija'. Skont kritiku tar-rivista mużikali *La Valette*: 'L-opra hi maħduma b'dak l-istil ta' sinfonija deskrittiva, bil-kant melodjuż isaltan fuq l-orkestrazzjoni.'

L-istorja sseħħ f'Malta tas-seklu 16 fi żmien il-bidu tal-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, bis-soltu intriċċi amorużi, fejn Regina, bint Alvaro de Nava, tkun tħobb ġuvnott Franċiż, Guido d'Aubier, kontra x-xewqa ta' missierha, kmandant tal-kastell ta' Sant'Anġlu li, min-naħa tiegħu, jagħmel minn kollox biex iżewwiġha lil Ugo Mazara, membru tal-Kunsill u neputi tal-gvernatur ta' Malta.

F'xi ħin waqt l-opra, il-Maltin jagħmlu festa kbira li fiha jilqgħu lill-ewwel Gran Mastru ta' Malta, Fra Philippe Villiers de l'Isle-Adam (1464-1534), u l-kavallieri tiegħu, wara li l-Imperatur Karlu V ikun ta lil Malta lil dan l-Ordni.

Kif se naraw fl-artiklu li jmiss, jiem qabel ma l-Gran Mastru kien jieħu l-pussess tiegħu, kien jintrama ark trijonfali ddisinjat minn perit tal-għażla tiegħu.

Bħala parti mill-festi ċelebrattivi kienet tinżamm ċerimonja simbolika li fiha jingħataw żewġt iċwievet tal-fidda tal-bieb tal-Imdina lill-Gran Mastru. U malli kien jasal f'misraħ il-katidral, l-orkestra – il-mużiċisti aktarx li kienu jkunu barranin (nannuh Angelo, ta' nisel Venezjan, kien impjegat bħala vjolinista fil-Palazz tal-Gran Mastru Pinto u warajh, de Rohan) – kienet iddoqqlu marċ trijonfali kompost għall-okkażjoni minn gallerija ta' fuq l-ark.

Il-marċ trijonfali I Cavalieri di Malta ta' Mro Anton Nani nkiteb proprju biex jiddeskrivi dix-xena partikolari fl-opra.

Biż-żmien, kemm dal-marċ, kif ukoll is-sinfonija (overture) tal-istess opra, baqgħu jindaqqu ħafna wara bħala bċejjeċ mużikali indipendenti, kemm fit-Teatru Rjal, kif ukoll mill-ħafna baned ta' dak iż-żmien.